# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Nru 3032**

Kaz Numru 3897/JG

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Sharon Scerri (K.I. 104979M)

U

Prime Mall Limited (C 42595)

*Dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 15 ta' Novembru, 2024

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud., MAAT**

**Introduzzjoni**

Il-Kaz kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 30 ta' Settembru, 2020 permezz ta' l-avukat Dr Larry Formosa f'isem s-sa Sharon Scerri. Min-naha l-ohra s-socjeta' Prime Mall Limited irrispondiet fit-12 ta' Novembru, 2020 permezz ta' l-avukat Dr Damian Bigeni.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddeciedi l-kaz fil-perjodu stipulat mil-ligi minhabba d-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

Ir-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta' Prime Mall Limited fl-4 ta' Lulju, 2017 bhala *Complex Administration Manager* fuq kuntratt ta' mpjieg ghal zmien indefinit. Nhar l-4 ta' Settembru, 2020 tkecciet mill-impjieg minn mal-kumpanija, b'effett immedjat. L-

esponenti tistqarr li t-terminazzjoni taghha mill-impjieg hija wahda ngusta u bla gustifikazzjoni. Ghalhekk, talbet lit-Tribunal biex jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet wahda ngusta, jiddikjara u jiddeciedi li s-socjeta' konvenuta naqset milli thallas is-salarju kollu dovut lill-esponenti u jaghti l-provvedimenti kollha opportuni, fic-cirkostanzi inkluz il-likwidazzjoni ta' kumpens xieraq skont il-ligi.

Min-naha l-ohra, s-socjeta' tistqarr li t-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jigu milqugha ghaliex tirreleva li s-socjeta' kienet motivata minn ragunijijet serjissmi meta kecciet lir-rikorrenti u fl-istess hin tistqarr li l-istess esponenti socjeta' qatt ma kellha oggezzjoni thallas dik il-paga u dawk il-hlasijiet illi kienu legittimament imissu lir-rikorrenti.

Ghalhekk is-socjeta' tistqarr li t-tkeccija mill-impjieg hija altru milli gustifikata.

**Fatti tal-Kaz**

Ir-rikorrenti kienet giet offruta impjieg mas-socjeta' Prime Mall Ltd bhala *full time administrator* tal-kumpless Duke fir-Rabat Ghawdex. Hi kienet iltaqghet ghal intervista f'Malta mas-sur Mark Grech u s-sur Fabian Attard, it-tnejn diretturi tas-socjeta' odjerna. L-attrici nghatat abbozz ta' kuntratt ta' xoghol indefinit kif ukoll *job description* ta' dak li kien mistenni minnha. Il-lista ta' responsabiltajiet kienu jkopru l-amministrazzjoni tal-kumpless Duke u l-appartamenti fl-istess kumpless fejn kellha responsabilta' ghall-funzjonijiet ta' l-amministrazzjoni, tar-rizorsi umani, *marketing*, finanzi, interlokutur mal-klijenti u ma' l-operatur tal-lukanda, kif ukoll kull bicca xoghol ohra li tkun mehtiega b'konnessjoni mal-kumpless, mal-principal jew ma' xi kumpanija ohra relatata – *ref kuntratt ta' l-impjieg folio 7-9.* L-esponenti bdiet x-xoghol mas-socjeta' fuq kuntratt ta' mpjieg indefinit bi tlett xhur *probation period* fl-4 ta' Lulju, 2017 bhala Complex *Administration Manager.*

Is-sur Grech jixhed li wara ftit id-diretturi nnutaw li r-rikorrenti kienet qieghda taghmel hafna zbalji fix-xoghol taghha u li kienu qed jinkwetawhom u anki jimbarazzawhom mal-klijenti. Minhabba f'hekk kienu gibdu l-attenzjoni tar-rikorrenti ghal diversi drabi dwar dan - *ref affidavid folio 44-47*. Is-sur Grech jallega li s-sitwazzjoni ma tjibitx tant li nhar it-22 ta' Awwissu, 2018 hargulha *warning letter* fejn spjegaw x'kien qed idejjaqhom u li jekk ma jkunx hemm bidla radikali fil-kwalita tax-xoghol taghha, kienu sa jiehdu passi

ulterjuri inkluz it-terminazzjoni ta' l-impjieg minn mas-socjeta' – *ref folio 173*. Minn naha l-ohra r-rikorrenti tistqarr li hi ma accettatx il-warning u rrifjutat li tiffirmaha - *ref folio 430*.

Is-sur Fabian Attard jistqarr li s-sitwazzjoni baqghat li kienet tant li kellhom inaqqsulha xi funzjonijiet mix-xoghol taghha, filwaqt li d-diretturi hassew li jkun sewwa li jaghmlulha kuntratt ta' mpjieg gdid fejn jassenjawlha certu funzjonijiet u mhux ohrajn ghal paga mnaqsa - *ref folio 285 - 286.* L-attrici tistqarr li hi ma kinitx accettat il-proposta l-gdida – *ref folio 238 Dok LF1.*

Nhar l-4 ta' Settembru, 2020, hamsa u ghoxrin xahar wara l-uniku twissija bil-miktub, ir-rikorrenti rceviet email u ittra minghand is-sur Mark Grech fejn infurmaha li l-impjieg taghha minn mas-socjeta' kien terminat b'effett immedjat – ref folios 363 – 364.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal kellu quddiemu kaz fejn ir-rikorrenti kienet qed tallega li hija tkecciet mill-impjieg taghha minn mas-socjeta' b'mod ingust filwaqt li s-socjeta' tistqarr li kellha ragunijiet validi biex titterminalha l-impjieg. Ghalhekk it-Tribunal ried ihares lejn ir-ragunijiet li wasslu ghat-tkeccija, l-metodu ta' dixxiplina wzat jekk kien il-kaz u fil-kaz ta' addebitu, kienx hemm proporzjonalita bejn l-addebitu u s-sanzjoni komunikata.

<u>Il-kuntratt ta' l-impjieg u l-ittra ta' terminazzjoni</u>

Harsa lejn il-kuntratt tax-xoghol jirrevela li r-rikorrenti kienet impjegata bhala *Complex Administration Manager* b'*job description* li kienet anki tinkludi xoghol ta' natura li mhux esklussivament manigerjali imma ukoll dak klerikali u ta' *customer care*. Il-kuntratt kien ukoll jipprovdi ghal zieda ta' *tasks* addizzjonali relatati ma' l-operat tal-kumpless jew ma' xi kumpanija ohra relatata, liema xoghol addizzjonali kien sa jgorr remunerazzjoni jew bonus separat.

Jidher li r-rikorrenti kellha spettru wiesa sewwa ta' obbligi fil-kuntratt ta' l-impjieg, minn xoghol klerikali sa rwol ta' livell gholi kif ukoll funzjonijiet li jistghu jmorru lill'hinn mix-xoghol marbut ma' kumpless Duke nnifsu.

Ir-rikorrenti, kienet mistennija li tahdem " *in utmost good faith, with due diligence and to the best of her abilities"*. Kull sitt xhur id-diretturi obbligaw ruhhom li jaghmlu assessment tal-performance tar-rikorrenti.

> *"Every six months the employee will have to satisfy properly and fairly executed assessments which are meant to gauge the level of performance of her duties"* – ref folio 49.

Min-naha l-ohra, klawsola 13 tal-kuntratt ta' l-impjieg ticcita fost ohrajn is-segwenti, bhala ragunijiet tajba u gusti biex jittermina l-impjieg tar-rikorrenti;

- *Repeated failure to perform duties with the required effectiveness and efficiency, u*
- *Failure to perform duties* – ref folio 51

L-ittra ta' terminazzjoni tindika car li l-kwalita tax-xoghol tar-rikorrenti ma kienx qieghed jilhaq il-livell ta' effettivita u efficjenza mixtieqa ghalhekk is-socjeta' kienet iddecidiet li;

> *"you are unable to meet the core requirements of your job".*

Il-konvenuta socjeta' tirreleva li minhabba l-performance dghajfa tar-rikorrenti, kellhom inaqqsula n-numru ta' funzjonijiet ta' xoghol kif elenkati fil-*job description* originali, ghaliex is-socjeta' rragunat li jekk isir hekk;

> *"the company was hopeful that you would be able to execute".*

Infatt xaharejn qabel gie terminat l-impjieg, is-socjeta' kienet ipproponiet kuntratt ta' impjieg gdid b'kundizzjonijiet godda, li ir-rikorrenti rrifjutat li tiffirma. – ref folio 364.

Il-fatt li l-ittra ta' terminazzjoni tirrifletti ezatt it-test fil-kuntratt dwar l-abilita' juru bic-car l-emfasi li d-diretturi kienu qed jaghmlu fuq il-hila jew l-abilita' mistennija mill-impjegata. Ghalhekk it-Tribunal hares lejn dak li sar dwar il-hila u l-abbilta' tar-rikorrenti bejn il-perjodu meta kienet impjegata sa meta tkecciet mill-impjieg minn mas-socjeta'.

Performance fuq ix-xoghol

Id-diretturi jilmentaw li huma kienu jiskopru diversi zbalji fix-xoghol tar-rikorrenti u kienu kontinwament jigbdu l-attenzjoni ghalihom fosthom dwar *invoices* mahruga hazin u metodi ta' xiri ta' prodotti u servizzi ghall-kumpless minghajr ma' jittiehed in konsiderazzjoni l-ahjar prezzijiet, problemi ta' mmanigjar ta' l-impjegati ndustrijali fil-kumpless u anki problemi ta' relazzjoni lavorattiva mal-klijenti fil-kumpless Duke. Jilmentaw ukoll li r-rikorrenti naqset li taderixxi mal-baggit mal-*marketing,* anki jekk il-marketing kien wiehed mill-oqsma li d-diretturi jghidu li fiha spikkat il-hila tar-rikorrenti. Izidu li l-appellanta kellha t-tendenza li tiehu ghaliha u tfarfar mix-xoghol. Is-sur Mark Grech id-direttur manigerjali jilmenta li;

> *Kif bdew igerrbu x-xhur pero bdejna naraw li Sharon kienet qed tiehu hafna zbalji fuq xogholha. Dawn kienu jkunu zbalji ta' traskuragni grassa biex ma nghidx ghazz* -ref folio 45

Is-sur Brian Attard azzjonist jistqarr li l-izbalji tar-rikorrenti kienu ta' wahda li;

> *kienet taqa' u tqum minn xogholha* - ref folio 171 para 12.

Is-sur Fabian Attard direttur tas-socjeta' jistqarr li fil-bidu beda jiehu pacenzja ghall-izbalji fix-xoghol tar-rikorrenti imma jixhed li mal-passagg taz-zmien xejn ma beda jitjieb u jghid li;

> *l-izbalji kienu grassi u kienu r-rizultat ta' traskuragni zejda jew sahansitra inkompetenza.* Ref folio 164.

Is-sur Brian Attard jistqarr li l-izbalji tar-rikorrenti kienu frott ta' l-inkompetenza – ref folio 171 para 15.

Performance Assessment

Min-naha l-ohra, minkejja li d-diretturi jilmentaw li l-problemi ta' performance tar-rikorrenti bdew mil bidunett ta' l-impjieg, fl-ahhar tal-perjodu tal-probation xorta giet

konfermata fil-post. Wara tlettax -il xahar fl-impjieg is-socjeta harget l-ewwel u l-ahhar *warning letter* ufficjali fejn taghmilha cara li jekk ma jkunx hemm titjib kif mixtieq il-principal kien sa jitterminalha l-impieg abbazi ta';

> *Your inability to properly and carefully perform your duties* – ref folio 175

Konsistenti mal-*warning letter*, l-ittra ta' terminazzjoni ukoll titkellem mill-

> "*unable to meet the core requirements of your job*" – ref folio 364

Jidher li minkejja d-deskrizzjoni negattiva pjuttost xejn kumplimentuza li tohrog mix-xhieda tad-diretturi fil-konfront tar-rikorrenti, l-*issue* li fuqha s-socjeta' kienet lesta li teskala l-proceduri kienet dwar il-kompetenza jew il-hila.

Li principal jittermina kuntratt ta' impjieg minhabba nuqqas ta' hila ta' mpjegat biex jaghmel ix-xoghol tieghu sewwa tista tkun terminazzjoni gusta sakemm il-principal ikun gab ruhu b'mod ragonevoli fic-cirkostanzi.

Meta principal ikun iffaccjat bi problema ta' nuqqas ta' kompetenza ta' haddiem, principal tipiku jindaga s-sitwazzjoni sewwa r-raguni ghaliex il-haddiem partikolari mhux jirnexxielu jaghmel xogholu b'mod adekwat. Indagni bhal dan jinkludi diversi elementi fosthom, jekk l-impjegat

1. inghatax *handing over* adekwata,
2. inghatax tahrig specjalment dwar aspetti partikolari u specifici dwar il-post tax-xoghol il-gdid,
3. kienx hemm perjodu ta' kowcing fuq ix-xoghol jew pjanijiet biex l-impjegat jibni l-hiliet tieghu,
4. kienx hemm supervizjoni adekwata ta' impjegat,
5. kienx hemm *job description* ta' dak mistenni mill-impjegat,
6. kienx hemm xi fatturi ohra li kienu qed jillimitaw il-proficjenza ta' l-impjegat fuq il-post tax-xoghol.

Il-kuntratt ta' l-impjieg kien jipprovdi ghal *assessment tal-performance* b'mod regolari cioe' s-socjeta' kellha din l-alternattiva ghad-dispozizzjoni taghha biex tkejjel b'mod oggettiv l-performance tar-rikorrenti.

Fil-fatt Selwyn jghallem li;

> *A reasonable employer enquires into the matter, to find out why the employee cannot do the job adequately.*

Selwyn's Law of Employment, 21st edition para 17.80

*Assessment* serju kif jikkontempla l-kuntratt ta' l-impjieg odjern huwa ghodda tajba hafna biex taghti gharfien korrett u fid-dettal ta' dak li kien qieghed izomm lura lir-rikorrenti milli tilhaq il-livell ta' hila mistennija. *Performance appraisal* huwa process formali ta' djalogu fejn il-principal u l-impjegat jaqblu fuq sett ta' objettivi li huma specifici, jitkejjlu biex wiehed ikun jaf jekk l-objettivi intlahqux, ikunu objettivi li realistikament jistghu jintlahqu, relevanti mar-rwol ta' l-impjegat hekk kif deskritt fil-kuntratt tax-xoghol, u objettivi li jkunu jridu jintlahqu fi zmien definit. *Performance appraisal* taghti gharfien lil impjegat biex ikun car fejn jitfa l-priorita' tieghu kif ukoll l-approcc li jrid jiehu biex ikun konsistenti mad-direzzjoni tal-principal. Fl-istess hin il-principal jisma minghand l-impjegat l-isfidi li jkun qed isib fil-korsa tax-xoghol ta' kuljum, jiddiskuti s-soluzzjonijiet u anki flimkien jesploraw possibiltajiet ta' tahrig biex aspetti dghajfin fil-hila jigu ndirizzati. Fil-kaz odjern, l-ebda dokumentazzjoni jew rapport ta' *performance appraisal* li sehh fiz-zmien ta' hidma mal-kumpanija ma gie pprezentat fl-atti.

Filwaqt li din l-ghodda kienet ghad-dispozizzjoni tas-socjeta jidher izda li ma ghamlitx uzu minnha. Allura t-Tribunal jistaqsi, jekk dan l-*assessment* ma sarx, allura kif id-diretturi waslu ghal konkluzjoni oggettiva li r-rikorrenti kienet nkompetenti? It-Tribunal jistaqsi ukoll kif, fin-nuqqas tal-ghodda formali, s-socjeta' ppjanat li tindirizza b'mod kostruttiv u tangibbli l-allegata nkompetenza? Jekk il-problema kienet nuqqas ta' hila, kif il-*warning* li d-diretturi hargu sentejn qabel kienet sa ttejjeb il-hila tar-rikorrenti?

Is-socjeta' kellha l-opportunita' pprovduta mill-istess kuntratt tax-xoghol biex b'mod oggettiv isir assessment fejn is-socjeta' flimkien mar-rikorrenti jkollhom l-istampa vera u shiha tas-sitwazzjoni. L-assessment kien necessarju anzi obbligu tas-socjeta li taghmlu u ghalhekk kien zball minn naha tas-socjeta' li dawn l-*assessments* baqghu ma sarux.

Minkejja dan, it-Tribunal ma waqafx hawn izda hares lejn l-elementi kollha li seta' kellhom effett fuq il-hila tar-rikorrenti u fittex ghal mizuri li ttiehdu biex dan il-predikament ikun indirizzat.

<u>Handing over tax-xoghol u induction training</u>

Id-direttur jixhed li l-predecessura tar-rikorrenti tatha *handing over* u anki baqghet accessibbli ghaliha fuq it-telefon biex tassistiha jekk ikun hemm il-bzonn.

Min-naha l-ohra, r-rikorrenti tistqarr li l-persuna li kienet qed tissostitwixxi, certu sa Farrugia, kienet ilha xi zmien li tat in-*notice* lill-principal u ghalhekk ir-rikorrenti tghid li kellha perjodu relattivament qasir ta' gimghatejn biex tiehu *handing over* tax-xoghol. Tistqarr li kien hemm diversi aspetti tax-xoghol li ma haditx konjizzjoni taghhom qabel telqet ghal kollox il-predecessura taghha s-sa Farrugia – ref folio 404. Ma dan it-Tribunal jinnota li kien hemm certu ghaggla minn naha tas-socjeta biex ir-rikorrenti tibda x-xoghol tant li pprovdew fil-kuntratt ta' l-impjieg il-hlas tal-multa tan-notice period lil ex employer tar-rikorrenti u anki perjodu qasir ta' probation mhux tipiku ghar-rwol ta' Manager.

*Handing over* hija dak li l-kelma tindika igifieri il-moghdija tax-xoghol minn id ghal ohra. *Handing over* hija funzjoni mportanti imma mhux bizzejjed biex impjegat gdid jifhem l-implikazzjonijiet ta' xogholu u zgur mhux bizzejjed biex jibni l-effettivita' f'qasir zmien specjalment meta r-rwol mhiex wahda ta' rutina bhal fil-kaz tar-rikorrenti. Flimkien mal- *handing over*, hija ukoll n-norma fuq post tax-xoghol modern li jinghata l-*induction training* fil-bidu ta' l-esperjenza lavorattiva ta' mpjegat gdid.

*Induction Training* jipprovdi lil impjegati godda approcc strutturat dwar l-istampa l-wiesa tax-xoghol, gharfien dwar l-implikazzjonijiet tax-xoghol fdat f'idejhom, taghlim u anki tahrig ta' l-elementi l-aktar sensittivi u prekarji tax-xoghol filwaqt li jkunu ukoll

identifikati dawk l-aspetti problematici li mpjegat gdid irid ikollu gharfien taghhom qabel imidd ghonqu ghax-xoghol. Dan jghin sostanzjalment biex mhux biss jigu evitati zbalji u decizjonijiet mhux opportuni imma jithaffef il-process il-proficjenza u allura l-effettivita ta' l-impjegat il-gdid fuq xogholu.

Ghaldaqstant, principal tipiku jiehu hsieb li l-*handing over* u l-*induction training* isiru ghal livell li jpoggi l-impjegat il-gdid fl-ahjar sitwazzjoni possibbli biex jitlaq fuq xogholu b'certu proficjenza.

Fil-kaz odjern, jidher li r-rikorrenti kellha zmien qasir ta' *handing over* li ma kienx realistiku ghal mansjoni u r-responsabbiltajiet elenkati fil-*job description* li kellha fil-kuntratt tax-xoghol. Johrog ukoll car li anqas *induction training* ma kien ipprovdut mid-diretturi.

<u>Moniteragg, supervizjoni u tahrig</u>

Is-sur Fabian Attard direttur tas-socjeta' jistqarr li hu direttur ta' diversi kumpaniji u ghax ghandu hafna xoghol manwali x'jaghmel ma jistax joqghod jiccekkja l-izbalji tar-rikorrenti. Jallega li din is-sitwazzjoni qabditu hafna stress – ref folio 285.

Is-sur Brian Attard jistqarr ukoll li d-diretturi kienu offrew pakkett finanzjarju tajjeb biex l-impjegata tidhol ghax-xoghol b'ruhha u gisimha imma ukoll ghaliex;

> *Ahna mpenjati b'hafna xoghol u ma xtaqniex inkunu nvoluti fid- day to day running tal-kumpless* – ref folio 170 para 7.

Minkejja dan, hu jistqarr li dejjem kien accessibbli ghar-rikorrenti.

Is-sur Mark Grech jikkorrabora dan ghaliex jistqarr li hu u d-direttur l-iehor kif ukoll l-azzjonisti huma nies impenjati hafna b'xoghol iehor u ma kellhomx il-hin li jiccekkjaw fuq ix-xoghol tar-rikorrenti. Jistqarr li l-hsieb kien li jaghtu l-liberta lir-rikorrenti biex tmexxi daqs lil kieku;

> *she's her own boss* – ref folio 44 para 8.

Min-naha l-ohra, r-rikorrenti tilmenta li d-diretturi qatt ma kienu jersqu lejn il-kumpless u laqghat regolari biex ikun diskuss l-operat u l-isfidi tieghu kienu ftit u rari.

> *Jigifieri waqt dawn il-meetings maghhom li ma kienux … ippermettili, ma kienux ikunu regolari, lanqas konna narawhom hemm* – ref folio 429

Dawn l-istqarrijiet juru bic-car li l-intenzjoni tad-diretturi kienet mill-bidunett li jaghmlu l-inqas moniteragg u supervizjoni possibbli tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti zzid li kellha missjoni mpossibbli biex taghmel tmien sieghat f'gurnata normali ta' xoghol biex tlahhaq mal-funzjonijiet klerikali ta' l-ufficcju u fl-istess hin titratta ma' l-*issues* li jinqalghu u l-bzonnijiet ta' l-operat - ref folio 416.

Infatti r-rikorrenti tammetti li zbalji ghamlet.

> *Iva zbalji ghamilt* – ref folio 408.

Meta l-aspettattivi tad-diretturi ma kienux qed jintlahqu s-sur Mark Grech jammetti li gieli gholla lehnu mar-rikorrenti.

> *minghajr ma trid tgholli lehnek, ghax jien m'ghandix hin x'nitlef*
> – ref folio 249.

Fil-kaz odjern, jidher li d-diretturi kienu nies impenjati hafna b'negozju varju u differenti minn dak tal-kumpless Duke. Tant li d-diretturi rragunaw li jekk jaghtu paga gholja lill-impjegata il-gdida, ikunu jistghu jhalluha tahdem wahidha u jkunu liberi jiffokaw fuq l-aspetti l-ohra tan-negozju lill'hinn mil-kumpless Duke. L-espressjoni Ii tkun *her own boss* turi bic-car hafna dawn l-intenzjonijiet.

Izda, minn imkien ma johrog mill-kuntratt ta' l-impjieg li r-rikorrenti kellha tkun "*her own boss*". L-implikazzjonijiet li wiehed ikun il-*boss* tieghu nnifsu huwa ferm aktar wiesa minn ta' impjegat regolari anki jekk it-titolu jkun maniger. Ghalhekk l-ebda direttur ma seta jistenna li r-rikorrenti tkun il-*Boss* taghha nnifisha u jaddotta attitudni daqs li verament kienet minghajr ma jkun hemm il-qbil esplicitu tar-rikorrenti. Meta

s-socjeta' trattat lir-rikorrenti bhala *her own boss* mhux biss kienu qeghdin ipoggu piz sinifikanti fuq spallejn ir-rikorrenti b'mod unilaterali imma bl-attitudni li jhalluha tahdem wahidha ta lok ghal nuqqas ta' informazzjoni, gwida u supervizjoni tant necessarji ghas-success fix-xoghol ta' l-impjegata. Meta dan ma giex id-diretturi anqas ma ndagaw biex jaraw x'kienet ir-raguni ghal dan imma kkonkludew li r-rikorrenti kienet inkompetenti.

Il-moniteragg u s-supervizjoni hija hidma tipika ta' post tax-xoghol modern. Il-moniteragg u s-supervizjoni ma jsirux meta u ghaliex impjegat jaghmel zball imma hija hidma necessarja u normali biex l-impjegat iwettaq xogholu sewwa fi kwadru dinamiku ta' negozju li l-hin kollu jinbidel u jipprezenta sfidi godda.

Il-paga gholja jew baxxa tirrifletti x-xoghol rikjest mill-pozizzjoni u r-responsabbilta' abbinata mar-rwol li jkollu l-impjegat u mhux biex is-socjeta' tabdika milli taghmel supervizjoni ta' l-impjegat. Fil-hajja lavorattiva moderna, principal tipiku jipprovdi dawk li huma s-supervizjoni necessarja u s-sapport baziku biex l-impjegat il-gdid jibni mhux biss il-kompetenza imma anki l-kunfidenza fix-xoghol.

Jidher li d-diretturi kienu ukoll jirreagixxu b'mod xejn kumplimentuzi meta jsir xi zball. Attitudni u mgieba bhal din mhux biss ma hiex accettabbli imma ma tghinx biex impjegat jitghallem mill-izball u jizviluppa l-kompetenzi tieghu.

Ghalhekk, id-diretturi naqsu meta rragunaw li jekk ihallsu paga gholja setghu mhux biss jabdikaw mis-supervizjoni imma b'xi mod setghu ihalluha tahdem wahidha qisha hi il-*boss* taghha nnifisha, liema mgieba halliet lir-rikorrenti nieqsa mill-appogg necessarju u mehtieg ghas-success tar-rikorrenti fix-xoghol.

Is-sur Fabian Attard jistqarr li fil-grupp ta' kumpaniji ghandu madwar 30 haddiem u jaghmel hiltu biex ma jitlef lil hadd ghaliex mhux facli li ssib haddiema tajba u ghaliex it-tahrig taghhom jiswa il-flus u l-hin – ref folio 167 para 26.

Kull principal ghandu l-obbligu li jharreg lill-impjegati tieghu mhux biss biex jizviluppaw il-hiliet taghhom izda ukoll biex tkun assigurata s-sahha u s-sigurta ta' l-impjegati fuq ix-xoghol. Filfatt anqas ma d-diretturi jkollhom hin biex jaghmlu

supervizjoni fuq l-impjegati taghhom bhal ma kien fil-kaz odjern, huwa akbar il-bzonn ta' l-impjegat li jinghata t-tahrig.

Jidher, li filwaqt is-socjeta' kienet konxja li t-tahrig kien necessarju ghal kategoriji ohra ta' haddiema, l-ebda konsiderazzjoni ma kienet ittiehdet biex it-tahrig jintuza biex b'xi mod jindirizza l-bzonnijiet tar-rikorrenti.

Fil-fatt id-diretturi naqsu meta qatt ma kkonsidrawx it-tahrig u kowcing formali ghar-rikorrenti biex hi tkun tista ttejjeb il-hiliet taghha u tiffunzjona b'mod seren fir-rwol li kellha.

<u>Il-volum tax-xoghol u mpjegati godda</u>

F'dan il-kuntest, it-Tribunal hares ukoll lejn aspett iehor li hafna drabi jiddetermina l-*staff compliment* fil-post tax-xoghol, igifieri l-volum tax-xoghol.

Is-sur Fabian Attard jistqarr li matul iz-zmien x-xoghol zdied u ghadu jizdied. –

> *ha nghidlek, il-kummerc hemm jiena u d-direttur l-iehor ghaddejjin gas down u llum 'il gurnata zdied hafna iktar minn meta kien hemm, jigifieri dejjem jizdied ix-xoghol.* Ref 287.

Meta s-sur Mark Grech kien mistoqsi ghaliex is-sa Farrugia kienet irrezenjat minn mas-socjeta', ammetta li possibilment kien l-stress li wassalha biex thalli l-post taghha mal-kumpanija. Fl-istess hin huwa jargumenta li l-paga tpatti ghal l-stress.

> *Jista jkun li ma felhitx ghax-xoghol, imma jiena lil Sharon il-lista ma gieghltiex tiffirmaha bil-fors. Ifhimni, sitta u tletin elf fis-sena ghal Ghawdex m'hjiex paga zghir, issa jekk ha tistenna li ntik dik il-paga u stress ma jkollok qatt, I'm sorry, jew paga jew stress – ref folio 249-250.*

Is-sur Fabian Attard jikkorrabora dan;

> *… ghax jien bhal Maria kienet kapaci tmexxi u tiehu hsieb wehidha, u ppretendejt li Sharon tkun kapaci tmexxi wehidha. Tajtha paga hafna oghla minn ta' Maria*. Ref folio 285.

Jidher li tul l-ghaxar snin li s-sa Farrugia ghamlet tahdem mas-socjeta', ix-xoghol baqa jizdied izda hi xorta wahda thalliet wahidha fl-ufficcju – ref folio 336.

Is-sa Farrugia tistqarr li s-socjeta ma kinitx qed jirnexxilha tattira nies ghal pozizzjoni fl-amministrazzjoni ghaliex hija tixhed li kien hemm numru ta' sejhiet ghal applikanti biex jizdiedu l-staff fi zmienha imma ma kienx ikun hemm konkorrenza ghal dawn il-pozizzjonijiet – ref folio 336.

Ir-rapport sottomess mill-psikoterapista s-sur Karl Wright jirreleva li r-rikorrenti kienet saret anzjuza hafna minhabba s-sitwazzjoni li barra l-pressjoni tal-volum tax-xoghol, kienet tinkludi ukoll kliem baxx minn wiehed mid-diretturi fil-konfront taghha, lingwagg b'tonalita' ta rabja quddiem klijenti u haddiema u kliem iehor li l-attrici kienet thossu bhala *bullying* u ntiz biex idejjaqha. It-terapista jistqarr li;

> *Evidentement il-klijenta kienet overwhelmed bix-xoghol* – ref Dok CW folio 316.

Ir-rapport jirreleva li l-ansjeta tar-rikorrenti kienet spiccat meta sabet xoghol gdid – ref 317.

Ir-rikorrenti tistqarr li l-lista ta' responsabbilitajiet li kellha kienet estensiva sew. Tistqarr li mill-bidunett meta kellha l-intervista kienet indikat il-bzonn li jizdiedu n-nies fl-ufficcju biex ix-xoghol jinqasam ahjar. L-attrici tistqarr li r-risposta min-naha tad-diretturi li kienu qed jintervistawha kienet;

> *"mhux problema inzidu l-istaff b'kemm hemm bzonn"* ref folio 407.

Il-kuntratt ta' l-impjieg jikkontempla ukoll li seta jkun hemm zieda fl-impjegati - ref folio 49 (a).

Minkejja dan, fit-tmienja u tletin xahar li ghamlet impjegata mas-socjeta' l-ebda staff gdid ma dahal jahdem fl-ufficcju. l-attrici tistqarr li *staff* gdid fl-ufficcju ma dahalx. Ir-rikorrenti tilmenta li hi kellha hafna x'taghmel biex tlahhaq ma' dak kollu mistenni u tistqarr li filfatt hi kienet wahidha minghajr *staff* fl-ufficcju.

Is-sur Brian Attard jikkonferma li r-rikorrenti kienet wahidha fl-ufficcju;

> *"hi kienet fl-Administation"* ref folio 244

Kull post tax-xoghol igib mieghu certu stress li f'livelli normali huwa accettabbli imma meta l-volum tax-xoghol ikun manifestament sproporzjonat mal-hin u man-numru ta' l-impjegati nkarigati biex jaghmlu dak ix-xoghol, principal tipiku jikkalibra mill-gdid u jgib bilanc. II-holqien ta' dan il-bilanc jassumi aktar importanza fil-hajja lavorattiva meta wiehed jikkonsidra li kull principal ghandu l-obbligu li jhares is-sahha u s-sigurta tal-haddiema u bilanc bhal dan ihares b'mod sinifikanti s-sahha mentali ta' l-impjegati.

Jidher li b'mod kontinwu ammont sostanzjali ta' l-istress kien gej mill-volum tax-xoghol li r-rikorrenti kienet mistennija li taghmel fil-hin tax-xoghol taghha.

It-Tribunal ma waqfx hawn imma hares ukoll lejn il-*Job description* tar-rikorrenti.

Is-sur Brian Attard azzjonist tas-socjeta' jixhed li originarjament ir-rikorrenti kellha lista twila ta' funzjonijiet fil-*job description* tax-xoghol taghha;

> *Fil-kuntratt ta' l-impjieg taghha fil-fatt qghadna attenti hafna biex naghmlu lista twila ta' tasks li kienu kompitu taghha halli zgur ikun car x'kien xogholha u mhux* – ref 171 para 17

F'affidavit tieghu, s-sur Mark Grech jistqarr li kien ghaddilha lista shiha ta' xoghol li hi kellha taghmel halli zgur ma' jkunx hemm xi malintiz dwar x'hinu mistenni u mhux – ref folio 44.

Is-sur Brian Attard jixhed li Sharon kellha tkun il-*One Stop Shop* ma' dak kollu li kellu x'jaqsam mal-kumpless – ref folio 170 para 8. Harsa lejn il-kuntratt ta' impjieg odjern ref folio 7-9 jaghti lista estensiva ta' *duties* tar-rikorrenti.

Kien osservat li l-kuntratt isemmi li r-rikorrenti tista tigi mitluba taghmel xoghol addizzjonali mhux relatat mal-kumpless Duke – ref folio 49. Il-kuntratt ma jieqafx hawn imma jobbliga lir-rikorrenti taghmel anki sieghat zejda ta' xoghol l-fuq minn 40 siegha, minghajr hlas u minflok tinghata *time off in lieu* – ref folio 50. Infatti, l-istess kuntratt ta' l-impjieg, jirreleva li d-diretturi kienu qed jistennew minimum ta' 40 siegha xoghol fil-gimgha. Hawn jidher car li d-diretturi kienu konxji tal-fatt li r-rwol li kienu qed jghaddu lir-rikorrenti kienet wahda li fil-verita' tirrikjedi aktar minn 40 siegha ta' xoghol fil-gimgha kif hija n-norma ghal impjieg full time.

Fil-mument ta' l-interview, is-socjeta' kienet f'pozizzjoni vantaggjuza fil-konfront tar-rikorrenti ghaliex kienet taf sewwa l-impenn li kienet tinvolvi l-lista t-twila ta' *tasks* li resqu u l-isfida biex f'termini ta' hin setghat titwettaq sewwa u bla *stress* zejjed. Meta r-rikorrenti gibdet l-attenzjoni ghal dan matul l-interview, kien sinjal li dan l-aspett kien diga qieghed jispikka anki jekk ir-rikorrenti kienet ghadha ma bdietx tahdem.

Jidher, li filwaqt li d-diretturi kienu cari fl-elenku tal-lista tat-tasks, naqsu li jkunu cari ukoll bl-istess mod, li l-lista li kienu qed iressqu quddiem ir-rikorrenti ma' kinitx realistika biex titwettaq f'40 siegha xoghol. Il-fatt li kuntratt ta' mpjieg huwa mibni fuq fiducja reciproka tal-partijiet, id-diretturi kellhom l-obbligu li jpoggu lir-rikorrenti fl-ahjar pozizzjoni possibbli biex taghmel decizjoni nfurmata dwar materja li mill-ewwel deheret sinifikanti ghar-rikorrenti. It-Tribunal huwa konvint li l-bzonn ta' zieda ta' impjegati fl-ufficcju kien diga maghruf ghad-diretturi fil-hin li kienu qed jingaggaw lir-rikorrenti u ghalhekk il-fatt li tul iz-zmien ta' mpjieg ta' l-appellanta qatt ma gew impjegati persuni ohra, jaghmel il-weghda tad-diretturi li kienu lesti li jgibu aktar impjegati fl-ufficcju, fierha.

It-Tribunal diga ttratta l-fatt li l-paga tithallas ghax-xoghol u r-responsabbiltajiet tar-rwol ta' l-impjegat u mhux biex il-principal jabdika mis-supervizjoni necessarja, u daqstant iehor il-paga ma tinghatax biex tikkumpensa impjegat ghal stress kroniku mix-xoghol rikjest. Ghalhekk hija inkoncepibbli li direttur jippretendi li r-remunerazzjoni tista tiggustifika l-holqien ta' ambjent ta' xoghol li b'mod konxju

johloq stress kroniku fuq l-impjegata u jistenna li l-istess impjegata b'mod konxju taccetta li tahdem f'dak l-ambjent li a priori huwa ta' detriment ghas-sahha mentali taghha. Haga bhal din, principal tipiku mhux biss qatt ma jaghmilha izda anqas biss jghidha jew jahsibha.

L-evidenza turi car li d-diretturi kienu jafu ben tajjeb li kienu qed jinkludu lista twila ta' *tasks* li kienet tmur oltre minn dak li b'mod realistiku seta jsir f'gimgha ta' erbghajn siegha. Daqstant ukoll kienu jafu li l-volum tax-xoghol ezistenti kien diga lahaq il-livell li kien qieghed jikkrea stress. Mill-bidunett id-diretturi kienu konxji tal-bzonn li jkun hemm assistenti ma' l-amministrattur.

Ghalhekk zbaljaw id-diretturi meta naqsu li jaghmlu dawn il-fatti sinifikanti u materjali, maghrufa lir-rikorrenti qabel ma sar il-kuntratt ta' l-impjieg u naqsu mill-obbligi taghhom li tigi rimedjata s-sitwazzjoni b'mod gust.

<u>Il-kuntratt gdid ta' l-impjieg</u>

It-termini u l-kundizzjonijiet tax-xoghol huma l-qofol ta' kuntratt ta' impjieg anki jekk il-ligi ma taghtiniex definizzjoni taghhom. Selwyn jghallem li t-termini ta' impjieg huma bilaterali maqbula bejn il-partijiet u huma parti ntegrali mill-ftehim bejn il-principal u l-haddiem. Minn naha l-ohra kondizzjonijiet tax-xoghol huma struzzjonijiet unilaterali li jimponi l-principal. Ghalhekk tibdil fl-elementi bilaterali f'kuntratt ta' impjieg jista jsehh biss bi qbil car bejn il-partijiet filwaqt li kundizzjoni tax-xoghol tista tinbidel mill-principal b'mod meta jhoss il-htiega u wara li jaghti zmien ragonevoli ta' notifika lill-haddiem – ref Selywn's Law of Employment 21st Edition para 3.18.

> *A term will specify his employment duties; a condition will lay down how he shall perform those duties.*
>
> Selwyn's Law of Employment 21st Edition para 3.22

Is-sur Mark Grech jixhed li kienu pproponew kuntratt gdid tax-xoghol ghar-rikorrenti fejn skont is-socjeta kienu bidlu l-*job description* originali sa 90% taghha. ref folios 239, 434.

Meta s-sur Mark Grech kien mistoqsi ghaliex, meta kien qieghed jinghad kemm kienet hazina f'xogholha, pprefera li jaghmillha kuntratt gdid minflok jaghtiha *warning*, id-direttur rrisponda li kienet tajba fil-marketing - ref folio 250. Is-sur Grech jistqarr li ried ihallas pro-rata ghal dawk il-funzjonijiet li kien sa jallokalha;

> *Jien ghedtilha "trid inbaxxu l-paga u nbaxxu x-xogholijiet? X'nistgha nghidlek ahjar?" U bdejt nghidilha "ifhimni ghax ahjar issib xoghol iehor ghax jekk jien mhux kuntent bik…." Ref folio 250*

It-tibdil fit-termini tal-kuntratt bhal ma huma t-*tasks fil-job description* u l-paga ma jistghux jinbidlu minghajr il-qbil taz-zewg partijiet.

> *An employer has no right unilaterally to vary the terms of a contract of employment, eg by reducing wages or salaries.*
>
> Selwyn's Law of Employment 21st Edition para 3.97.

Ghalhekk ir-rikorrenti kellha dritt tirrifjuta l-proposta l-gdida tar-rikorrenti u dan il-fatt b'ebda mod ma seta' jintuza bhala xi raguni ghaliex is-socjeta' tittermina l-impjieg tar-rikorrenti minn mas-socjeta' – ref folio 364.

**Konkluzjoni**

Jidher li d-diretturi ttamaw li l-lista twil ta' tasks li nkludew fil-*job description*, l-ghaggla li jimpjegaw lir-rikorrenti malajr qabel titlaq il-predecissura taghha, n-nuqqas ta' tahrig u kowcing fix-xoghol il-gdid, in-nuqqas ta' supervizjoni u l-hsieb taghhom li r-rikorrenti kienet "her own boss", kienu r-ricetta taghhom ta' kif l-amministrattur il-gdida kellha taghmel success fir-rwol taghha.

Meta dan ma sehhx id-diretturi kellhom, minflok ma jaslu ghal gudizzju arbitrarju ta' dak li huma qiesu bhala traskuragni u nkompetenza, juzaw l-ghodda ta' l-*assessment tal-performance* kif kontemplat fil-kuntratt tax-xoghol.

Kellu jkun biss wara li jsiru l-*assessments tal-performance* u fejn ir-rikorrenti kien ikollha l-opportunita' li tispjega s-sitwazzjoni taghha, li d-diretturi kellhom id-dritt li jiehdu dawk id-decizjonijiet li fl-opinjoni taghhom kienu mehtiega fic-cirkostanzi.

Meta dan ma sarx, inholqot sitwazzjoni fejn il-gudizzju dwar il-*performance* tar-rikorrenti kien wiehed totalment soggettiv li renda lir-rikorrenti f'sitwazzjoni mpossibbli ghaliha li jkollha xi forma ta' kontroll biex tirnexxi f'xogholha.

**<u>Decizjoni</u>**

Wara li t-Tribunal ezamina u evalwa id-dikjarazzjoni tal-kaz, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li hares lejn l-elementi tal-kaz fit-totalita' u l-komplessita' taghhom, jiddeciedi li r-rikorrenti s-sa Sharon Scerri kienet terminata mix-xoghol ingustament.

**<u>Kumpens</u>**

Fit-termini ta' l-artikolu 81 (2) (a) it-Tribunal hares lejn l-eta relattivament zghira tar-rikorrenti u l-hiliet taghha, liema hiliet huma mfittxija fis-suq tax-xoghol u ghalhekk jezistu opportunitajiet ta' impjieg ghal haddiema tat-tip taghha kemm fis-settur pubbliku kif ukoll privat. Hares ukoll ghal perjodu ta' xoghol li r-rikorrenti ghamlet tahdem mas-socjeta'. Ra ukoll id-differenza bejn id-dhul li r-rikorrenti kellha minghand is-socjeta' u dak li bdiet tircievi mill-pozizzjoni l-gdida mal-Gvern – ref folio 352, 353.

Ghalhekk, it-Tribunal jordna kumpens minghand is-socjeta' lir-rikorrenti ta' €12,671.93 (tnax -il elf, sitt mija u wiehed u sebghajn euro u tlieta u disghin centezmi) fi zmien tmien gimghat minn din id-decizjoni.

Dan motivat kif gej;

| | |
|---|---|
| Differenza fis-salarju ghas-sena 2020 Sept / Dec (4 xhur) | €5,691.53 ref 352 |
| Differenza fis-salarju ghas-sena 2021 Jan / Aww (8 xhur) | <u>€6,980.40</u> ref 352 |
| Kumpens totali dovut mis-socjeta' lir-rikorrenti | <u>€12,671.93</u> |

L-ispejjez tal-kawza ghall-addebitu tas-socjeta' intimata igifieri l-Prime Mall Limited.

It-Tribunal jiddikjara il-kaz maghluq.

**(iffirmat)**

Joseph Gerada
Chairman

**VERA KOPJA**

Għas-Segretarju